IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

RAPPORT DWAR L-ATTIVITÀ FINANZJARJA 2011

Taqsima II – Kunsill Ewropew u Kunsill

(2012/C 272/01)

WERREJ

Paġna

1. SOMMARJU . . . 3
2. INTRODUZZJONI . . . 4
3. OBJETTIVI U BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA 2011 . . . 4
   - 3.1. L-objettivi amministrattivi ewlenin . . . 4
   - 3.2. L-istabbiliment tal-baġit għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-2011 . . . 4
     - 3.2.1. Approċċ ġenerali . . . 4
     - 3.2.2. Baġit 2011 . . . 5
     - 3.2.3. Baġit 2011 u l-Intestatura 5 tal-Perspettivi Finanzjarji tal-Baġit tal-UE . . . 6
4. ĦARSA ĠENERALI GLOBALI LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2011 . . . 7
   - 4.1. Attivitajiet u objettivi fl-2011 . . . 7
     - 4.1.1. Attivitajiet tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-2011 . . . 7
     - 4.1.2. Ksib tal-objettivi amministrattivi fl-2011 . . . 7
   - 4.2. Dħul . . . 8
     - 4.2.1. Dħul akkumulat fl-2011 . . . 9
     - 4.2.2. Dħul akkumulat qabel l-2011 . . . 10
   - 4.3. Nefqa fl-2011 . . . 11
     - 4.3.1. Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit fl-2004-2011 . . . 11
     - 4.3.2. Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet skont il-katergorija fl-2011 . . . 12
     - 4.3.3. Modifika tal-baġit fl-2011 . . . 14

Paġna

4.4. Approprjazzjonijiet riportati 15

4.4.1. Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet riportati mill-2010 15

4.4.2. Approprjazzjonijiet riportati mill-2011 għall-2012 16

4.5. Dħul assenjat 17

4.5.1. Dħul assenjat akkumulat qabel l-2011 17

4.5.2. Dħul assenjat akkumulat fl-2011 18

1. **SOMMARJU**

Bħas-sena preċedenti, l-2011 kienet sena ta' bidla fundamentali għat-taqsima II tal-baġit tal-UE. Il-ħolqien ta' Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), kif previst fit-Trattat ta' Lisbona, naqqas in-nefqa prevista għall-funzjonament tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill.

L-ittra ta' emenda (12749/1/10) għall-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill naqqas ir-riżorsi tat-taqsima II b'411-il kariga fl-organigramma u EUR 79,7 miljun f'termini ta' approprjazzjonijiet. Dawn ir-riżorsi u attivitajiet relatati ġew trasferiti bħala l-kontribut tal-Kunsill għat-twaqqif tas-SEAE.

Fl-2011, is-Segretarjat Ġenerali (SĠK) kompla l-proċess tal-modernizzazzjoni amministrattiva tiegħu. F'dan il-kuntest, is-SĠK trasferixxa l-Antennas tiegħu tal-Assigurazzjoni għall-Mard lill-PMO tal-Kummissjoni. Il-proġett għall-Bini Europa għadda mill-faża ta' konsolidazzjoni għax-xogħlijiet effettivi ta' kostruzzjoni.

Il-baġit għall-2011 tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill ġie stabbilit fl-ammont ta' EUR 563,3 miljun. Sa tmiem is-sena finanzjarja 2011 kienu saru impenji ta' EUR 506,8 miljun (li jikkorrispondu għal rata ta' implimentazzjoni ta' 90 %).

Ir-raġunijiet prinċipali għall-infiq inqas ta' EUR 56,4 miljun huma:

— infiq inqas fir-rigward tal-pakketti tal-ivvjaġġar għad-delegazzjonijiet (EUR 20,9 miljun),

— is-sottookkupazzjoni tal-organigramma u spejjeż anqas f'salarji (EUR 9,1 miljun),

— inqas ħtieġa li jiġu organizzati laqgħat, ta' installazzjonijiet tekniċi u tagħmir tal-uffiċċju (EUR 6,8 miljun),

— inqas ħtieġa għal interpretazzjoni (EUR 6 miljun),

— in-nuqqas ta' attivazzjoni tar-riżerva (EUR 6 miljun),

— inqas ħtieġa ta' infiq ieħor tal-persunal (eż. aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati, servizzi esterni oħrajn) (EUR 4,7 miljun),

— inqas ħtieġa għal xogħlijiet ta' sistemazzjoni fil-binjiet tal-Kunsill (EUR 2,2 miljun).

L-implimentazzjoni tal-ammonti riportati mill-2010 għall-2011 ammontat għal EUR 40,2 miljun minn EUR 49,8 miljun. L-objettiv jibqa' li l-implimentazzjoni tal-ammonti riportati tiżdied iżjed.

L-operazzjonijiet ta' dħul tas-SĠK fl-2011 ammontaw għal EUR 128,6 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 117,5 miljun ġew irkuprati matul is-sena finanzjarja filwaqt li l-bqija ser jiġu rkuprati fl-2012.

Aktar min-nofs (EUR 62,4 miljun, jew 53 %) ta' dan id-dħul irkuprat jirrigwarda taxxi Komunitarji, imposti u ammonti dovuti li nġabru mill-persunal tas-SĠK fl-2011. Ammont ta' EUR 54 miljun jirrigwarda operazzjonijiet amministrattivi differenti tas-SĠK. Dan l-ammont jinkludi trasferiment ta' EUR 18,6 miljun mis-SEAE lis-SĠK, li huwa ħlasijiet bil-quddiem għal servizzi li s-SĠK ipprovda fl-2011 lis-SEAE. L-EUR 1,1 miljun li fadal jirrigwarda diversi kontribuzzjonijiet u ripagamenti taħt ftehimiet komunitarji.

L-akbar sors (72 %) fid-dħul assenjat fl-2011 kien l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjoni. Ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet tagħhom ammont ta' EUR 26,2 miljun ġie rkuprat bħala riżultat tas-sottoutilizzazzjoni tal-fondi mid-delegazzjonijiet fl-2010.

Id-dħul assenjat li kien akkumulat qabel l-2011 ammonta għal EUR 30,7 miljun. Sa tmiem is-sena finanzjarja kienu ntużaw 98 % (EUR 30,2 miljun).

2. **INTRODUZZJONI**

Dan ir-rapport huwa bbażat, f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju, fuq il-kontijiet għall-2011, il-konklużjonijiet fir-rapporti dwar l-attività annwali tal-uffiċjali awtorizzanti tal-Kunsill u l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit mis-sistema finanzjarja tal-Kunsill.

Ir-rapport jirrispondi wkoll għall-obbligi tal-Artikolu 122 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 185 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja fil-Kunsill fl-2011.

Il-Kapitolu 3 ta' dan ir-rapport jippreżenta sommarju tal-qafas li ġie stabbilit għas-sena finanzjarja 2011. Il-Kapitolu 4 jagħti prospett globali dwar l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit fl-2011.

L-implimentazzjoni tal-baġit għall-2011 skont il-linja tal-baġit hija ppreżentata f'tabella fl-Anness.

3. **OBJETTIVI U BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA 2011**

3.1. **L-objettivi amministrattivi ewlenin**

L-objettivi amministrattivi ewlenin tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (minn issa 'l quddiem SĠK) għall-2011 kienu:

— Li jiġi żgurat l-appoġġ kontinwu lill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill,

— Li jiġi avanzat aktar il-proċess tal-modernizzazzjoni amministrattiva. Is-SĠK stabbilixxa programm ambizzjuż biex isaħħaħ il-kwalità tal-organizzazzjoni tiegħu. Diversi inizjattivi għandhom jew ser ikollhom impatt baġitarju (f'termini kemm tal-ispejjeż tal-investiment kif ukoll tal-ekonomiji li jirriżultaw miż-żieda fl-effiċjenza),

— Li jadatta l-organizzazzjoni tiegħu wara t-tluq tat-12 % tal-persunal tiegħu lejn is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u jipprovdi assistenza lill-istituzzjoni l-ġdida f'diversi oqsma matul il-perijodu transitorju fl-2011,

— Il-kontinwazzjoni tal-kostruzzjoni tal-Bini Europa, li għandu jkun lest sal-2014.

3.2. **L-istabbiliment tal-baġit għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-2011**

3.2.1. *Approċċ ġenerali*

L-istabbiliment tal-baġit għall-2011 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (minn issa 'l quddiem KEK) kien ibbażat fuq żewġ proċeduri separati fl-2010:

1) l-abbozz tal-baġit għall-2011 f'Mejju, u

2) ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit għall-2011 f'Settembru bil-ħsieb tal-ħolqien ta' Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna bħala istituzzjoni ġdida tal-UE fl-1 ta' Jannar 2011.

ad 1) Il-baġit għall-2011 tal-KEK kien ibbażat fuq l-objettiv li ma jkunx hemm żieda fl-approprjazzjonijiet f'termini reali ħlief għat-tħejjija għall-adeżjoni tal-Kroazja. Is-SĠK ma ntrodiċiex talbiet għal persunal ġdid, ħlief għall-kabinett tal-President tal-Kunsill Ewropew. Dan l-approċċ kien jimplika li inizjattivi ġodda jew il-ħtieġa għal riżorsi addizzjonali kellhom ikunu koperti minn tnaqqis f'oqsma oħrajn.

ad 2) Trasferiment ta' riżorsi lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

It-Trattat tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn issa 'l quddiem SEAE). L-istabbiliment tal-baġit għas-SEAE sar bl-Ittra Emedatorja Nru 1 għall-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2011.

L-ittra emedatorja ttrasferiet riżorsi mill-Kummissjoni u l-Kunsill lis-SEAE b'persual ġdid addizzjonali u riżorsi finanzjarji. Għall-Kunsill dan kien jimplika trasferiment ta' 411-il kariga fl-organigramma u EUR 79,7 miljun lis-SEAE.

Dan l-ammont kien kompost mill-elementi li ġejjin:

— Nefqa relatata mal-persunal: EUR 45,9 miljun,

— Bini, tagħmir u nefqa operattiva: EUR 6,0 miljun,

— Nefqa relatata mal-PSDK/PESK EUR 27,8 miljun.

3.2.2. *Baġit 2011*

L-awtorità baġitarja stabbiliet il-baġit globali tal-KEK għall-2011 fl-ammont ta' EUR 563,3 miljun.

Id-differenza ta' EUR 70,3 miljun (– 11 %) meta mqabbla mal-baġit tal-2010 hija mqassma kif ġej:

— trasferiment ta' riżorsi lis-SEAE, EUR 79,7 miljun,

— żieda nominali ta' EUR 8,9 miljun ([1]),

— żieda ta' EUR 2,1 miljun relatata mat-tħejjija għall-adeżjoni tal-Kroazja,

— tnaqqis fil-baġit f'termini reali ta' EUR 1,6 miljun.

L-organigramma tal-KEK għall-2011 żdiedet bi 12-il kariga. L-Uffiċċju Privat tal-President issaħħaħ bi 11-il kariga. B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni ttrasferiet kariga waħda lura lill-KEK wara li l-OIB iddeċieda li mhux ser jibqa' jkollu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-crèche tal-Kunsill.

Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn kif ġie stabbilit il-baġit tal-2011 skont il-kategorija. Mingħajr l-impatt tat-trasferiment ta' riżorsi lis-SEAE u l-approprjazzjoni supplimentari relatata mat-tħejjija għall-adeżjoni tal-Kroazja, iż-żieda nominali għall-baġit tal-KEK kienet ta' 1,1 % mill-2010 sal-2010. Fil-kuntest tar-rata ta' inflazzjoni stmata għall-2011, il-baġit tal-KEK effettivament tnaqqas f'termini reali b'0,6 %.

([1]) Inflazzjoni fl-2010-2011: 1,7 %, aġġustament tar-remunerazzjoni u l-pakketti għall-interpretazzjoni 0,9 %.

Tabella 1

Baġit tal-KEK 2011 mqabbel mal-2010 (skont il-kategorija)

(EUR)

Kategorija	Baġit 2010	Baġit 2011 qabel trasferimenti lis-SEAE/tħejjija għat-tkabbir (Kro)	Trasferimenti lis-SEAE	Tħejjija għat-tkabbir (Kro)	Ba'ġit 2011 wara trasferimenti lis-SEAE/tħejjija għat-tkabbir (Kro)	Differenza, % (minghajr SEAE/tkabbir Kro)	Differenza, % (bis-SEAE/ tkabbir Kro)
	1	2	3	4	5 = 2 + 3 + 4	6 = 2/1	7 = 5/1
Organigramma	323 970 000	331 107 326	– 42 805 000	0	288 302 326	2,2	– 11,0
Infiq ieħor tal-persunal	23 512 000	26 293 301	– 3 107 000	1 400 000	24 586 301	11,8	4,6
Bini	39 917 000	42 365 000	– 4 110 000	0	38 255 000	6,1	– 4,2
Sistemi ta' kompjuter	35 517 000	36 675 000	– 893 000	0	35 782 000	3,3	0,7
Spejjeż ta' interpretazzjoni	92 740 000	94 722 973	0	0	94 722 973	2,1	2,1
Spejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet	36 792 000	33 675 000	0	0	33 675 000	– 8,5	– 8,5
Il-Ġurnal Uffiċjali	5 115 000	4 618 000	0	575 000	5 193 000	– 9,7	1,5
Titolu III	35 939 000	30 313 000	– 27 777 000	0	2 536 000	– 15,7	– 92,9
Grupp ta' Riflessjoni	533 000	—	0	0	—	– 100,0	– 100,0
Mixxellanji	18 517 000	20 051 000	– 958 000	117 000	19 210 000	8,3	3,7
Riżerva	6 000 000	6 000 000	0	0	6 000 000	0,0	0,0
Total (exkl. akkwist)	**618 552 000**	**625 820 600**	**– 79 650 000**		**548 262 600**	**1,2**	**– 11,4**
Akkwist ta' proprjetà immobbli	15 000 000	15 000 000	0	0	15 000 000	—	0,0
Total globali	**633 552 000**	**640 820 600**	**– 79 650 000**	**2 092 000**	**563 262 600**	**1,1**	**– 11,1**

3.2.3. *Baġit 2011 u l-Intestatura 5 tal-Perspettivi Finanzjarji tal-Baġit tal-UE*

Tabella 2 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-evoluzzjoni tal-baġit preċedenti tal-Kunsill u dak preżenti tal-KEK fl-2006-2011. Fl-2006 l-iżvilupp tal-baġit tal-Kunsill segwa l-iżvilupp tal-intestatura 5 tal-perspettivi finanzjarji.

Tabella 2

Evoluzzjoni tat-Taqsima II tal-baġit tal-UE (Kunsill Ewropew u Kunsill) taħt l-Intestatura 5 tal-Perspettivi Finanzjarji fl-2006-2011

	2006		2007		2008		2009 (*)		2010		2011	
	m EUR	bidla	m EUR	bidla	m EUR	bidla	m EUR	bidla	m EUR	bidla	m EUR	bidla
Intestatura 5	6 708	5,5 %	7 115	6,1 %	7 457	4,8 %	7 603	2,0 %	7 962	4,7 %	8 226	3,3 %
Baġit tal-KEK / Kunsill	592	5,2 %	594	0,3 %	595	0,2 %	603	1,3 %	634	5,1 %	563	– 11,2 %
Sehem fl-Intestatura 5	**8,8 %**	**– 1,1 %**	**8,3 %**	**– 5,7 %**	**8,0 %**	**– 3,6 %**	**7,9 %**	**– 1,3 %**	**8,0 %**	**1,3 %**	**6,8 %**	**– 15,0 %**

(*) The baġit finali wara t-tnaqqis ta' EUR 40 miljun għall-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku f'Diċembru 2009 kien ta' EUR 563 miljuni.

Bħala riżultat ta' ġestjoni baġitarja prudenti, twettaq tnaqqis b'mod gradwali fis-sehem tal-Kunsill fl-2007, 2008, 2009 u wkoll fl-2010, meta l-ammonti addizzjonali relatati mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona setgħu jiġu entrati bil-baġit mingħajr ma jiżdied is-sehem tat-Taqsima II tal-baġit tal-UE. Fl-2011, it-tnaqqis fis-sehem huwa dovut prinċipalment għat-trasferiment ta' riżorsi lis-SEAE.

4. ĦARSA ĠENERALI GLOBALI LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2011

4.1. **Attivitajiet u objettivi fl-2011**

4.1.1. *Attivitajiet tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-2011*

Fil-qafas tar-rapport dwar l-attività finanzjarja, il-SĠK jagħti informazzjoni dwar l-attivitajiet ċentrali tiegħu, li jiddeskrivu l-funzjonament tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew matul is-sena finanzjarja.

Tabella 3 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp tal-għadd ta' laqgħat organizzati mis-SĠK għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-2003-2011. Flimkien mal- 4 599 laqgħa "istituzzjonali", is-SĠK organizza 2 075 laqgħa oħra interni, sessjonijiet ta' taħriġ, seminars, sessjonijiet ta' informazzjoni u laqgħat ma' pajjiżi terzi.

Tabella 3

Żvilupp tal-għadd ta' laqgħat fl-2003-2011

Laqgħat istituzzjonali	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
Summits (*)	6	5	3	3	3	5	7	7	9
Kunsilli	77	76	80	76	68	81	74	78	82
Coreper	134	128	123	120	106	144	130	122	135
Gruppi ta' Ħidma	4 333	3 971	3 918	4 037	4 183	4 480	4 272	4 127	4 373
Total	**4 550**	**4 180**	**4 124**	**4 236**	**4 360**	**4 710**	**4 483**	**4 334**	**4 599**
Laqgħat oħrajn	2 209	2 392	2 791	2 713	1 735	2 051	2 021	1 996	2 075
Total globali	**6 759**	**6 572**	**6 915**	**6 949**	**6 095**	**6 761**	**6 504**	**6 330**	**6 674**

(*) 7 Kunsilli Ewropej u 2 summits mal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern taż-Żona tal-Euro fl-2011

Indikatur kwantitattiv ieħor tal-attivitajiet hu l-atti legali ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali (ĠU) (Tabella 4). Fl-2011, ġew ippubblikati 986 att legali fil-ĠU. Għandu jiġi nnutat li l-volum tal-atti legali jiddependi fuq il-finalizzazzjoni tal-proċess leġislattiv qabel ma l-atti jistgħu jiġu elaborati f'testi finali għall-pubblikazzjoni fil-ĠU.

Tabella 4

Żvilupp tal-għadd ta' atti legali fl-2003-2011

	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
Atti legali ppubblikati fil-ĠU	1 045	1 118	1 056	1 317	1 000	1 274	829	825	986

4.1.2. *Ksib tal-objettivi amministrattivi fl-2011*

Il-ksib tal-objettivi stabbiliti għas-sena baġitarja 2011 jista' jitqassar kif ġej:

— *appoġġ lill-President tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill*

Fl-2011, l-Uffiċċju Privat tal-President issaħħaħ bi 11-il kariga bl-objettiv li jingħata iżjed appoġġ lill-President tal-Kunsill Ewropew.

— *Konsolidazzjoni tal-organizzazzjoni*

L-organigramma tal-KEK tnaqqset b'411-il kariga minħabba t-trasferiment ta' riżorsi lis-SEAE. Matul is-sena, is-SĠK irrekluta 179 uffiċjal (150 uffiċjal permanenti u 29 aġent temporanju) filwaqt li 132 uffiċjal u 29 aġent temporanju telqu mill-Kunsill. Bħala riżultat, ir-rata netta ta' okkupazzjoni fl-organigramma tal-KEK żdiedet bi 18-il kariga.

— *Modernizzazzjoni amministrattiva*

Sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti fil-qosor fil-persunal (eż. mard fit-tul, leave tal-maternità eċċ.) is-SĠK żied il-proviżjon għar-reklutaġġ kompensatorju b'mod konsiderevoli. Dan il-proviżjon ta l-possibbiltà lis-SĠK li jirrekluta massimu ta' 55 aġent b'kuntratt fl-2011.

Bħala rispons għall-ħtieġa li jinstabu sinerġiji u titjib fl-effiċjenza bejn l-istituzzjonijiet, is-SĠK u l-PMO tal-Kummissjoni qablu li jittrasferixxu l-attivitajiet tal-Antennas tal-Assigurazzjoni għall-Mard tas-SĠK lill-PMO mill-1 ta' Awwissu 2011. Bħala riżultat, l-organigramma tal-KEK tista' titnaqqas b'9 karigi, u tiġi sostitwita b'aġenti b'kuntratt fil-PMO. Il-modifika ta' riżorsi ġiet inkluża fil-baġit għall-2012.

— *Adattament għall-konsegwenzi tal-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).*

Il-ħolqien tas-SEAE implika t-trasferiment ta' 411-il kariga fl-organigramma u EUR 79,7 miljun mill-baġit tal-KEE lis-SEAE.

Barra minn hekk, is-SĠK impenja ruħu għal tnedija b'suċċess tas-SEAE. Il-modi prinċipali li bihom is-SĠK ipprovda appoġġ lis-SEAE kienu permezz ta' Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz (FLS).

Hemm żewġ tipi ta' FLS. FLS temporanji koprew is-servizzi li s-SEAE ma setax jipprovdi fl-2011 (appoġġ informatiku speċifiku, crèche u l-ġestjoni ta' ċerti kuntratti relatati mal-bini ttrasferiti lis-SEAE). Is-SEAE ttrasferixxa ir-riżorsi neċessarji lis-SĠK (b'total ta' EUR 18,6 miljun) u wara dan is-SĠK kien f'pożizzjoni li jkompli bl-attivitajiet previsti.

L-FLS strutturali koprew servizzi li s-SEAE ma kienx bi ħsiebu jiżviluppa huwa stess, bħat-traduzzjoni ta' dokumenti. Dan is-servizz kien jingħata mingħajr ħlas sakemm kien jibqa' taħt il-volum miftiehem.

— *Politika tal-Bini*

Il-proġett għar-rinnovazzjoni tar-Résidence Palace u biex dan jiġi kkonvertit fis-sede tal-Kunsill Ewropew u tal-Ministri tal-Kunsill (Bini Europa) huwa fl-istadju fejn ix-xogħljiet ta' konsolidazzjoni huma lesti. Ix-xogħol effettiv ta' kostruzzjoni beda f'Settembru 2011.

4.2. **Dħul**

Tabella 5 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-eżitu globali tal-operazzjonijiet tad-dħul fl-2011. Il-volum totali tal-operazzjonijiet rigward dħul, f'termini ta' drittijiet stabbiliti, jiġifieri l-ordnijiet għall-irkupru, kien EUR 28 miljun aktar milli fl-2010. Minn dan l-ammont, EUR 26,3 miljun jirrigwarda d-dħul li ġej mill-operazzjonijiet amministrattivi tal-istituzzjoni inkluż it-trasferiment ta' EUR 18,6 miljun mis-SEAE lill-Kunsill. Dan l-ammont iffinanzja s-servizzi li s-SĠK ipprovda lis-SEAE fl-2011.

Il-bqija taż-żieda, EUR 1,7 miljun, huwa spjegat b'ammont ogħla miġbur bħala taxxi komunitarji imposti u ammonti dovuti, mixxellanji.

Tabella 5

Ħarsa ġenerali lejn id-dħul fl-2011 (skont it-titolu)

(EUR)

Titolu	Drittijiet stabbiliti	Dħul irkuprat	Li għandu jkun irkuprat
4 Taxxi komunitarji, imposti u ammonti dovuti, mixxellanji	64 420 112	62 442 076	1 978 036
5 Dħul li ġej mill-operazzjoni amministrattiva eċċ.	63 046 909	54 213 552	8 833 357
6 Kontribuzzjonijiet u ripagamenti taħt ftehimiet komunitarji eċċ.	1 116 411	1 107 086	9 324
9 Dħul mixxellanju	2 767	800	1 966
Total	**128 586 198**	**117 763 515**	**10 822 683**

Id-drittjiet stabbiliti (kemm dawk riportati mill-2010 kif ukoll dawk maħluqa fl-2011), ammontaw għal EUR 128,6 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 117,8 miljun (91 %) ġew irkuprati matul is-sena baġitarja filwaqt li EUR 10,8 miljun (9 %) ser jiġu rkuprati fl-2012.

4.2.1. *Dħul akkumulat fl-2011*

L-estimu inizjali tad-dħul għall-2011 kien ta' EUR 49 miljun (tabella 6). Matul is-sena baġitarja ġie reġistrat ammont ta' EUR 121 miljun bħala drittijiet stabbiliti, li minnu ġew irkuprati EUR 111,1 miljun. L-ammont ta' EUR 9,9 miljun ser jinġabar fl-2012.

Tabella 6

Dħul akkumulat matul l-2011 (skont l-artikolu)

(EUR)

Artikolu	Estimu inizjali tad-dħul	Drittijiet stabbiliti	Dħul irkuprat	Għandu jkun irkuprat
4 0 0 Rikavati mit-tassazzjoni tas-salarji, eċċ.	22 212 000	20 760 594	20 760 594	
4 0 4 Rikavati ll-imposta speċjali fuq is-salarji eċċ	2 258 000	3 604 895	3 604 895	
4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni	24 527 000	25 773 464	25 773 464	
4 1 1 Trasferiment tax-xiri tad-drittijiet tal-pensjoni mill-persunal		12 217 591	10 488 652	1 728 939
5 0 0 Rikavati mill-bejgħ ta' propjetà mobbli		55 494		55 494
5 1 1 Rikavati minn kiri u sottokiri ta' propjetà immobbli		454 729	403 754	50 975
5 2 0 Dħul minn investimenti, imgħax mill-banek u sorsi oħrajn		207 716	207 716	
5 5 0 Dħul mill-forniment ta' servizzi u xogħlijiet eċċ.		308 744	179 229	129 515
5 5 0 Dħul tas-SEAE mill-forniment ta' servizzi u xogħlijiet eċċ.		18 620 445	18 617 656	2 789
5 5 1 Dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta' servizzi u xogħlijiet eċċ.		15 428	13 442	1 986
5 7 0 Dħul li ġej minn ħlas lura ta' ammonti eċċ.		34 830 616	27 253 577	7 577 039
5 7 1 Dħul allokat għal skop speċifiku, eċċ.		541	541	

(EUR)

Artikolu	Estimu inizjali tad-dħul	Drittijiet stabbiliti	Dħul irkuprat	Għandu jkun irkuprat
5 7 3 Kontribuzzjonijiet oħrajn u rifużjonijiet b'konnessjoni mal-amministrazzjoni		2 720 887	2 649 691	71 196
5 8 0 Kumpens mixxellanju		304 495	19 295	285 200
6 3 1 Kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-acquis ta' Schengen		1 116 411	1 107 086	9 324
9 0 0 Dħul mixxellanju		1 334	800	534
Total	**48 997 000**	**120 993 384**	**111 080 394**	**9 912 990**

Id-differenza pożittiva bejn l-estimu inizjali u d-drittijiet stabbiliti (EUR 72 miljun) hija prinċipalment irriżultat ta':

— L-irkupru ta' partijiet mill-ammonti mħallsin lill-Istati Membri fis-snin preċedenti għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati wara d-dikjarazzjonijiet tagħhom għall-2010 (EUR 29,3 miljun) (Artikolu 5 7 0).

— It-trasferiment mis-SEAE lill-Kunsill bħala pagamenti bil-quddiem għas-servizzi mogħtija mis-SĠK lis-SEAE (EUR 18,6 miljun) (Artikolu 5 5 0).

— It-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni ta' (236 membri tal-persunal) (EUR 12,2 miljun) (Artikolu 4 1 1).

— L-irkupru ta' ħlasijiet mill-Istati Membri għal interpretazzjoni supplimentarja fuq talba f'ċerti lingwi (EUR 3,9 miljun) (Artikolu 5 7 0).

— Il-kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet oħra u l-ħlasijiet minn uffiċjali tal-Kunsill għall-crèche tal-Kunsill (EUR 1,9 miljun) (Artikolu 5 7 3).

— Il-kontribuzzjoni tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni (EUR 1,5 miljun) (Artikolu 4 1 1).

— Il-pagamenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Awdituri bħala kontribuzzjoni għall-finanzjament tas-sistema finanzjarja komuni mal-Kunsill (EUR 1,1 miljun) (Artikolu 5 7 0).

— Il-kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż amministrattivi li jirriżultaw fil-qafas tal-"acquis ta' Schengen" mal-Islanda u n-Norveġja (EUR 1,1 miljun) (Artikolu 6 3 1).

4.2.2. *Dħul akkumulat qabel l-2011*

Fir-rigward tal-ordnijiet pendenti għall-irkupru, ġie riportat għall-irkupru mill-2010 għall-2011 ammont ta' EUR 7,6 miljun. L-ammont riportat kien 14 % ogħla mis-sena ta' qabel. Iż-żieda kienet prinċipalment relatata man-numru li qed jiżdied ta' trasferimenti tad-drittijiet tal-pensjoni għall-iskema tal-pensjonijiet tal-UE.

Kif jidher fit-Tabella 7, EUR 6,7 miljun (88 %) tal-ammont pendenti ġew irkuprati fl-2011 filwaqt li EUR 0,9 miljun ġew riportati għall-2012.

Tabella 7

Dħul akkumulat qabel l-2011 (skont l-artikolu)

(EUR)

Artikolu	Drittijiet stabbiliti qabel l-2011	Dħul irkuprat	Għandu jkun irkuprat
4 1 0 Kontribuzzjoni tal-persunal għall-finanzjament ta' l-iskemi tal-pensjonijiet	2 291		2 291
4 1 1 Trasferiment tax-xiri tad-drittijiet tal-pensjoni mill-persunal	2 061 277	1 814 472	246 805
5 1 1 Rikavati minn kiri u sottokiri ta' propjetà immobbli	248 646	248 646	

(EUR)

Artikolu	Drittijiet stabbiliti qabel l-2011	Dħul irkuprat	Għandu jkun irkuprat
5 2 0 Dħul minn investimenti, imgħax mill-banek u sorsi oħrajn	161		161
5 5 0 Dħul mill-forniment ta' servizzi u xogħlijiet eċċ.	19 948	9 948	10 000
5 5 1 Dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta' servizzi u xogħlijiet eċċ.	7 304	4 243	3 061
5 7 0 Dħul li ġej mir-restituzzjoni ta' ammonti eċċ.	4 901 568	4 334 822	566 746
5 7 3 Kontribuzzjonijiet oħrajn u rifużjonijiet b'konnessjoni mal-amministrazzjoni	349 796	270 990	78 806
5 8 0 Kumpens mixxellanju	390		390
9 0 0 Dħul mixxellanju	1 433		1 433
Total	**7 592 814**	**6 683 121**	**909 693**

L-irkupru tad-dħul akkumulat qabel l-2011 ġej prinċipalment mis-sorsi li ġejjin:

— EUR 1,8 miljun relatati mat-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni (Artikolu 4 1 1).

— EUR 4,1 miljun mill-konsum mhux eżawrit tal-pakketti tal-ivvjaġġar tal-Istati Membri fl-2009 (parti mill-Artikolu 5 7 0).

4.3. **Nefqa fl-2011**

4.3.1. *Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit fl-2004-2011*

Ir-rata globali ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill / KEK kienet fuq medja ta' 96 % tul l-aħħar tmien snin (Grafika 1). Fl-2009, il-baġit tal-Kunsill tnaqqas bil-"baġit emendatorju Nru 10/2009 għall-baġit tal-UE" b'EUR 40 miljun. L-ammont ġie trasferit bħala l-kontribuzzjoni tal-Kunsill għall-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (EERP).

Kif jidher fil-grafika 1, il-ħlasijiet matul is-sena finanzjarja żdiedu fis-snin reċenti filwaqt li l-ammonti ġenerali riportati għas-sena finanzjarja segwenti naqsu. It-tnaqqis tal-baġit fl-2011 huwa riżultat tat-trasferiment ta' riżorsi mill-Kunsill għas-SEAE.

Grafika 1

Implimentazzjoni globali tal-baġit 2004-2011



L-approprjazzjonijiet riportati jinqasmu f'żewġ kategoriji prinċipali: il-funzjonament u l-bini. L-ewwel waħda hi relatata mal-obbligi debitament ikkuntrattati qabel l-aħħar tas-sena baġitarja iżda fejn il-merkanzija tkun għadha ma twasslitx u/jew ma jkunux waslu fatturi għaliha qabel l-aħħar tas-sena.

It-tieni kategorija tirreferi għall-akkwist ta' bini mis-SĠK bħal-LEX, il-crèche u l-Bini Europa. F'dawn l-aħħar ftit snin, is-SĠK irnexxielu juża t-tfaddil li sar matul l-implimentazzjoni tal-baġit biex jiffinanzja dawn l-akkwisti. Dan min-naħa tiegħu naqqas b'mod sinifikanti l-ispiża ġenerali tal-proġetti ta' bini, speċjalment f'termini ta' ħlasijiet ta' interessi.

Fl-2011, saru żewġ pagamenti għall-akkwist tal-Bini Europa: l-ewwel wieħed fi Frar ta' EUR 15-il miljun u t-tieni f'Diċembru ta' EUR 10 miljun.

4.3.2. *Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet skont il-katergorija fl-2011*

L-analiżi tan-nefqa fl-2011 hi ppreżentata f'livell tal-11-il kategorija l-aktar sinifikanti ta' nefqa.

It-Tabella 8 tqabbel il-baġit finali wara t-trasferimenti (kolonna 2) bir-riżultat tal-baġit f'termini ta' impenji (kolonna 3). Id-differenza bejn il-baġit finali u l-approprjazzjonijiet impenjati tikkorrispondi għall-ammonti mhux użati matul is-sena baġitarja 2011.

Tabella 8

Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2011, (skont il- kategorija)

(EUR)

Kategorija	Baġit 2011 (inizjali)	Baġit 2011 (*) (finali)	Impenji	Rata tar-riżultat	Approprjazzjonijiet ikkanċellati
	1	2	3	4 = 3/2	5 = 2-3
Organigramma	288 302 326	288 302 326	279 213 034	96,8 %	9 089 292
Infiq ieħor tal-persunal	24 586 301	24 961 301	20 292 631	81,3 %	4 668 670
Bini	38 255 000	35 755 000	33 538 759	93,8 %	2 216 241
Sistemi ta' kompjuter	35 782 000	35 782 000	35 716 743	99,8 %	65 257
Spejjeż ta' interpretazzjoni	94 722 973	77 838 967	71 789 816	92,2 %	6 049 151
Spejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet	33 675 000	42 352 006	21 482 591	50,7 %	20 869 415
Ġurnal Uffiċjali	5 193 000	5 193 000	4 618 000	88,9 %	575 000
Titolu III	2 536 000	2 536 000	2 481 969	97,9 %	54 031
Mixxellanji	19 210 000	19 542 000	12 708 459	65,0 %	6 833 541
Riżerva	6 000 000	6 000 000			6 000 000
Total (exkl. akkwist)	**548 262 600**	**538 262 600**	**481 842 003**	**89,5 %**	**56 420 597**
Akkwist ta' proprjetà immobbli	15 000 000	25 000 000	25 000 000	**100,0 %**	
Total globali	**563 262 600**	**563 262 600**	**506 842 003**	**90,0 %**	**56 420 597**

(*) Jinkludi riallokazzjonijiet interni ta' approprjazzjonijiet

Ir-rata globali ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-2011, inklużi l-ħlasijiet bil-quddiem għall-Bini Europa, hi 90 %.

Id-differenza bejn l-estimi baġitarji inizjali u l-implimentazzjon tista' tiġi spjegata kif ġej:

— Minħabba r-rata baxxa ta' okkupazzjoni tal-karigi fl-organigramma (medja ta' 92 % ([1])) ma ntefaqx ammont ta' EUR 7,3 miljun.

— L-ammont stmat fil-baġit għall-aġġustament tar-remunerazzjoni fl-2011 kien ibbażat fuq estimu ta' 1,3 %, li jikkorrispondi għal ammont ta' EUR 1,8 miljun. Dan l-ammont ma ntużax minħabba l-fatt li fid-19 ta' Diċembru 2011 il-Kunsill iddeċieda li ma jadottax il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tall-Kunsill li li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea.

— Fil-kategorija ta' nfiq ieħor relatat mal-persunal, EUR 2,5 miljun tat-tfaddil globali ta' EUR 4,7 miljun jirreferi għal anqas pagamenti għal aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati u servizzi esterni oħrajn. Minn dan l-ammont, EUR 1 miljun jikkorrispondi għall-approprjazzjoni supplimentari prevista għat-tħejjija għall-adeżjoni tal-Kroazja. Peress li d-data intiża għall-adeżjoni ġiet trasferita għal aktar tard fl-2013, is-SĠK uża biss EUR 350 000 mis-suppliment oriġinali ta' EUR 1 350 000 previst għal dan l-iskop fl-2011.

  Rigward it-tfaddil l-ieħor, EUR 1,9 miljun jirreferi għall-ispejjeż għall-missjonijiet, filwaqt li ħtiġijiet imnaqqsa għas-servizzi soċjali u mediċi huma responsabbli għal EUR 0,1 miljun.

— L-implimentazzjoni globali tan-nefqa relatata mal-bini (fit-Titolu II, mingħajr il-Bini Europa) irriżulta fi tfaddil ta' EUR 2,2 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 1,2 miljun jirreferi għall-iskedar mill-ġdid ta' ċertu xogħlijiet ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni għall-2012. Ħtieġa anqas għal tiswijiet hija responsabbli għal EUR 0,4 miljun, filwaqt li pagamenti aktar baxxi fuq sorveljanza u prevenzjoni jwasslu għal tfaddil ta' EUR 0,3 miljun.

— Infiq inqas ta' EUR 22,9 miljun f'interpretazzjoni li jirriżulta minn:

  — Użu mnaqqas ta' pakketti "fuq talba" skont il-lingwa, b'total ta' EUR 18,4 miljun.

  — tfaddil ta' EUR 4,5 miljun f'interpretazzjoni ġenerali.

— L-ammont disponibbli għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' delegazzjonijiet wara t-trasferimenti ammonta għal EUR 45,8 miljun. Il-baġit inizjali kien ta' EUR 33,7 miljun li ġew ittrasferiti lilu EUR 12,1 miljun mit-tfaddil fuq pakketti ta' interpretazzjoni fuq talba ([2]). Matul is-sena, EUR 3,4 miljun ġew trasferiti għall-finanzjament ta' interpretazzjoni supplimentari f'ċerti lingwi. Peress li l-Istati Membri kellhom jirrifondu l-ammonti mhux użati ta' snin preċedenti, ġew impenjati biss EUR 21,5 miljun mill-baġit finali ta' EUR 42,4 għal ħlasijiet sussegwenti fil-baġit għall-2011.

— L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-Ġurnal Uffiċjali kienet ta' 100 %. L-ammont ikkanċellat ta' EUR 575 000 li jidher fit-tabella 8 jikkorrispondi mal-approprjazzjoni supplimentari għat-traduzzjoni tal-acquis communautaire fil-lingwa Kroata. Minħabba l-posponiment data intiża għall-adeżjoni ma kienx meħtieġ li tinbeda din il-ħidma u għalhekk dan l-ammont supplimentari ma ntużax.

— Fil-kategorija mixxellanji, ir-rata ta' implimentazzjoni relattivament baxxa hi spjegata mill-fatturi li ġejjin:

  — il-ħtieġa mnaqqsa għall-finanzjament fl-organizzazzjoni ta' laqgħat inkluż spejjeż ta' protokoll, konferenzi u catering (EUR 2,7 miljun),

([1]) Fl-2010, il-medja tar-rata ta' okkupazzjoni kienet ukoll ta' 92 %. Ġie applikat tnaqqis b'rata fissa ta' 7 % għall-approprjazzjonijiet rilevanti f'dawn is-sentejn.

([2]) F'konformità mad-Deċiżjoni 111/07, is-SĠK jittrasferixxi 66 % tal-ammonti mhux użati lil pakketti tal-ivvjaġġar tad-delegati għall-użu matul l-istess sena baġitarja. Fl-2011, dan kien jikkorrispondi għal ammont ta' EUR 12,1 miljun.

— il-posponiment ta' ċerti installazzjonijiet tekniċi bħat-tagħmir multi-medjatiku fis-swali tal-konferenzi (EUR 2,1 miljun),

